



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 4 ta' Diċembru 2013
(OR. en)**

17396/13

**ECOFIN 1114
FIN 906
RELEX 1122**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Novembru 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2013) 834 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR L-ATTIVITÀ ESTERNA B'GARANZIJA BAĠITARJA TAL-UE TAL-BEI FL-2012

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2013) 834 final.

Mehmuż: COM(2013) 834 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2013
COM(2013) 834 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**DWAR L-ATTIVITÀ ESTERNA B'GARANZIJA BAĠITARJA TAL-UE TAL-BEI
FL-2012**

{SWD(2013) 484 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR L-ATTIVITÀ ESTERNA B'GARANZIJA BAĠITARJA TAL-UE TAL-BEI FL-2012

1. DAĦLA

Id-Deċiżjoni 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment () kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni¹ (id- "Deċiżjoni" jew "il-garanzija tal-UE") titlob lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mwettqa taħt il-garanzija tal-UE, li jibni fuq ir-rapporti annwali pprovduti mill-BEI.

Dan ir-rapport jipprovdi wkoll taqsira tal-operazzjonijiet b'riskju proprju mwettqa mill-BEI fl-2012 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni. Wara l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tal-qafas tat-Tkejjil tar-Riżultati (REsults Measurement, REM) tal-BEI, dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-riżultati mistennija bbażati fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI approvati fl-2012. L-operazzjonijiet tal-BEI fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) kif ukoll fil-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (OCT) huma koperti frapport annwali separat.

Fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD)² jingħataw informazzjoni aktar dettaljata u tabelli statistiċi dwar l-attivitajiet imsemmija hawn fuq, anke fil-livell ta' proġetti, setturi, pajjiżi u reġjuni. Ir-riżultati attwali miksuba bbażati fuq studji ta' każijiet fuq operazzjonijiet li qed jiġu implimentati jew li tlestew huma ppreżentati fl-SWD.

Ta' min jinnota li fit-23 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni adottat proposta leġislattiva għal Deċiżjoni ġdida tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI barra l-UE taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (MFF) li jmiss, akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt³.

2. RIŻULTATIEWLENIN

Id-Deċiżjoni tistabbilixxi limitu massimu kumplessiv tal-Mandat Ġenerali għal EUR 27 484 mn u żieda addizzjonali ta' Mandat tal-Bidla fil-Klima ta' EUR 2 000 mn.

Rendiment ekonomiku dgħajef kontinwu fiż-żona tal-euro u ekonomiji avvanzati oħra kkontribwew għal tnaqqis ulterjuri fit-tkabbir tal-produzzjoni dinjija fl-2012. Mir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni, ir-reġjun ta' Qabel l-Adeżjoni kien fost ir-reġjuni l-aqħar milquta minħabba r-rabtiet mill-qrib tiegħu maż-żona tal-euro, li wasslu għat-tnaqqis fir-rati ta' tkabbir minn 8,5 % għal 3 % fit-Turkija u minn 1,3 % fl-2011 għal -0,2 % fl-2012 f'pajjiżi oħra ta' Qabel l-Adeżjoni. Bl-istess mod, il-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant sofrew mir-relazzjonijiet

¹ ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1.

² SWD(2013)484

³ COM(2013)293

kummerċjali mill-qrib tagħhom maż-żona tal-euro, filwaqt li l-kontinwazzjoni tal-inċertezza assoċjata mat-tranżizzjoni politika u ekonomika wara r-Rebbiegħa Għarbija kompliet taffettwa l-prestazzjoni tal-pajjiżi Mediterranji tan-Nofsinhar. It-tkabbir batta fl-Asja u l-Amerika Latina, prinċipalment minħabba tnaqqis fir-ritmu fil-Brażil, iċ-Ċina u l-Indja. L-Afrika t'Isfel ukoll intlaqtet ħażin, u t-tkabbir niżel minn 3,5 % fl-2011 għal 2,3 % fl-2012.

Minkejja ambjent ta' negozju mimli sfidi, fl-2012 il-BEI żamm il-firem fir-reġjuni koperti bid-Deċiżjoni fl-istess livell tal-2011 ta' EUR 6,5 bn. Il-finanzjament taħt il-garanzija tal-UE żdied b'madwar EUR 900 mn għal EUR 4,0 bn, filwaqt li l-iffinanzjar b'riskju proprju tal-BEI naqas b'madwar EUR 900 mn għal EUR 2,5 bn.

F'Jannar 2012, il-BEI nieda l-qafas REM li jsaħħaħ il-kejl u r-rappurtar tal-Bank dwar ir-riżultati u l-impatt tal-operazzjonijiet tiegħu kif mitlub fid-deċiżjoni. Ġie żviluppat sett estensiv ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu u jiġu mmonitorjati oġġetivament li se jiggwidaw l-valutazzjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett. Ir-riżultati mistennija għall-operazzjonijiet tal-BEI approvati fl-2012 huma mqassra fis-SWD. Ir-rapport komplut tal-BEI dwar ir-riżultati tal-operazzjonijiet tal-BEI barra l-UE ġie ppubblikat fuq il-websajt tiegħu⁴.

Id-Deċiżjoni riveduta enfasizzat ukoll allinjament aktar qawwi tal-attività esterna tal-BEI u l-politiki esterni, il-programmi u l-istrumenti tal-UE. Matul l-2012, il-BEI kompli jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni u s-SEAE biex isaħħaħ il-konsistenza u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-BEI mal-politiki esterni tal-UE. F'dan il-kuntest, ġew implimentati diversi rekwiżiti legali ġodda tad-Deċiżjoni, inklużi l-Linji Gwida Operazzjonali Tekniċi Regionali li ġew adottati mill-Kummissjoni u mill-BEI f'Novembru 2012⁵ u l-Istrateġija tal-Klima tal-BEI⁶ fil-Pajjiżi tal-Mandat Estern li kienet approvduta lill-Kunsill u lill-Parlament fl-aħħar tas-sena.

3. OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT

3.1. Ħarsa ġenerali lejn il-volum ta' finanzjament mill-BEI fir-reġjuni koperti bid-Deċiżjoni

It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-volum tal-finanzjament tal-BEI fl-2012 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni.

Tabella 1: L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ffirmati fl-2012 fir-reġjuni koperti bid-Deċiżjoni.

Pajjiżi tal-operat (EUR mn)	Operazzjonijiet skont il-mandat			Operazzjonijiet ta' riskju proprju tal-BEI	Total
	Garanzija komprensiva	Garanzija għar-riskju politiku	Total		
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	821	0	821	2285	3106
Pajjiżi Mediterranji	1466	189	1655	11	1665
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	534	400	934	0	934
L-Asja u l-Amerika Latina	350	100	450	250	700

⁴ <http://www.eib.org/infocentre/publications/all/eib-rem-annual-report-2012.htm>

⁵ SWD(2012) 357 final.


⁶ <http://www.eib.org/infocentre/publications/all/eibs-climate-strategy-outside-the-eu.htm>

L-Afrika t'Isfel	0	100	100	0	100
Total	3171	789	3960	2546	6506

Wara l-livell għoli ta' self b'riskju proprju fl-2011, il-proporzjonijiet relattivi ta' attività taħt il-garanzija tal-UE u bir-riskju proprju tal-BEI bbilanċjaw mill-ġdid favur dawk taħt il-garanzija li kibru bi 30 % biex jilhqqu EUR 3,96 bn jew 61 % tat-total ta' finanzjamenti fl-2012 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni. Il-biċċa l-kbira (89,8 %) tal-operazzjonijiet iffinanzjati fuq riskju proprju tal-BEI ġew iffirmati qabel l-adeżjoni.

Fl-2012, 80,1 % tas-self iffirmit taħt il-garanzija tal-UE kien kopert b'Garanzija Komprensiva, li tintuża għal operazzjonijiet sovrani u subsovrani, filwaqt li 19,9 % ibbenefikaw mill-Garanzija għar-Riskju Politiku għall-operazzjonijiet tas-settur privat bir-riskji kollha l-oħra mġarrba mill-BEI.

Grafika 1: Evoluzzjoni annwali tal-volumi ta' finanzjament mill-BEI fir-reġjuni koperti bid-Deċiżjoni



Fl-aħħar tal-2012, l-ammont globali ffirmit skont id-Deċiżjoni (inqas il-kanċellazzjonijiet) kien ta' EUR 23,1 bn, jew 79 % tal-limitu massimu kumplessiv skont id-Deċiżjoni. Ammont kumplessiv ta' EUR 6,3 bn huwa disponibbli għal operazzjonijiet ġodda tal-BEI taħt il-garanzija. Il-BEI huwa mistenni jilħaq xi wħud mil-limiti massimi reġjonali sal-aħħar tal-2013, filwaqt li taħt oħrajn, jista' jkun għad fadallu. Id-Deċiżjoni tipprevedi l-possibilità ta' riallokazzjoni sa 10 % bejn il-limiti massimi reġjonali.

Tabella 2: Firem u żborżi totali tal-BEI taħt id-Deċiżjoni (2007-2012)

EUR mn	Limitu massimu	Firem netti	Firem netti bħala % tal-limitu massimu	Żborżi	Żborżi netti bħala % tal-firem netti
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	9 048	8 446	93 %	4 923	59 %
Il-Mediterran	9 700	7 861	81 %	3 263	42 %
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	3 848	2 642	69 %	551	21 %
L-Asja u l-Amerika Latina	3 952	2 871	73 %	1 825	64 %
L-Afrika t'Isfel	936	691	74 %	520	75 %

Mandat Ġenerali Totali	27 484	22 511	82 %	11 082	49 %
Mandat tal-Bidla fil-Klima (2011-2013)	2 000	650	33 %	150	20 %
Mandat totali	29 484	23 161	79 %	11 232	48 %

F'termini ta' zborni, li huwa indikatur ta' progress tanġibbli fl-implimentazzjoni tal-proġetti, 48 % tal-ammonti netti ffirmati skont id-Deċiżjoni (EUR 11,2 bn) kienu mħallsa fi tmiem l-2012. Dan il-livell jikkorrispondi għaż-żmien normali medju bejn l-iffirmar tal-kuntratt finanzjarju u l-iżborż. L-Afrika t'Isfel kienet relattivament l-aktar qawwija b'75 % tal-ammonti ffirmati netti, segwita mill-Asja u l-Amerika Latina (64 %) u l-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni (59 %). Fl-2012, l-iżborsi fil-Mediterran żiedu għal livell rekord ta' EUR 1,5 bn, li minnhom EUR 1,2 bn taħt id-Deċiżjoni attwali. Madankollu, l-iżborsi kumulattivi baqgħu taħt il-medja bi 42 % tal-firem netti fil-Mediterran. Fil-Viċinat tal-Lvant, iż-żieda aktar kajmana fir-ritmu tal-iżborsi tirrifletti d-dewmien inizjali fl-implimentazzjoni tal-proġetti u d-dewmien amministrattiv fil-pajjiżi riċevituri. L-iżborsi baqgħu fil-livell ta' 21 % tal-firem netti fil-Viċinat tal-Lvant u r-Russja.

Tabella 3: Il-firem tas-self annwali skont id-Deċiżjoni attwali (2007-2013)

EUR mn	2007 (*)	2008	2009	2010	2011	2012	Total Gross	Kanċellazzjonijiet	Total nett
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	389	2 009	2 859	1 535	874	821	8 486	40	8 446
Mediterran	1 205	1 195	1 510	2 009	926	1 305	8 150	288	7 861
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	0	170	233	631	675	934	2 642	0	2 642
L-Asja u l-Amerika Latina	305	469	1 088	643	310	300	3 115	244	2 871
L-Afrika t'Isfel	0	203	280	50	115	100	748	56	691
Total tal-Mandat Ġenerali	1 899	4 045	5 969	4 867	2 900	3 460	23 140	629	22 511
Mandat dwar il-Bidla fil-Klima (2011-2013)					150	500	650	--	650
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni					150	-	150	--	150
Il-Mediterran						350	350	--	350
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja						--	--	--	--
L-Asja u l-Amerika Latina						150	150	--	150
L-Afrika t'Isfel						--	--	--	--
Mandat totali	1 899	4 045	5 969	4 867	3 050	3 960	23 790	--	23 161

(*) Sal-31 ta' Lulju 2007, l-għoti ta' self twettaq ukoll taħt id-Deċiżjoni 2000-2007 preċedenti.

Mil-lat tal-għadd ta' proġetti, ġew ifffinanzjati 39 proġett taħt id-Deċiżjoni fl-2012 meta mqabbel ma' 29 fl-2011.

Kif muri fit-Tabella 1, il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni baqgħu l-benefiċjarji ewlenin tar-reġjun tal-finanzjament tal-BEI barra l-UE fl-2012 b'EUR 3,1 bn iffirmati, li jirrappreżentaw 48 % tal-finanzjament totali fir-reġjuni kkonċernati. Il-BEI pprijoritizza l-linji ta' kreditu għall-SMEs (55 % tal-firem) u proġetti ta' infrastruttura trans-Ewropej. Is-self taħt il-garanzija naqas għal EUR 0,8 bn, filwaqt li self taħt il-Faċilità tar-riskju proprju ta' Qabel l-Adeżjoni baqa' ta' EUR 2,3 biljun bħal fis-sena ta' qabel.

Minkejja instabbiltà kontinwa wara r-Rebbiegħa Għarbija u s-sospensjoni tal-attività fis-Sirja, il-finanzjament tal-BEI fil-pajjiżi tal-Mediterran rpilja għal EUR 1,7 bn iffirmati fl-2012, żieda ta' 73 % mis-sena ta' qabel. Bħal fis-snin preċedenti, is-setturi tal-enerġija u tat-trasport kienu l-akbar benefiċjarji tal-finanzjament tal-BEI fir-reġjun tal-Mediterran. Il-BEI żied ukoll

is-self tiegħu lis-settur privat, u pprova madwar EUR 660 mn⁷ fl-2012 – żieda ta' aktar minn EUR 300 mn meta mqabbel mal-2011 u l-ogħla livell sa mill-2007. B'EUR 350 mn iffirmati taħt il-Mandat dwar il-Bidla fil-Klima u pipeline sostanzjali mibni matul is-sena, ir-reġjun kien ukoll il-benefiċjarju ewlieni tal-pakkett tal-mandat addizzjonali rilaxxat f'Ottubru 2011 għall-azzjoni klimatika.

L-attività ta' finanzjament fil-Viċinat tal-Lvant u r-Russja kibret biex leħqet rekord ġdid ta' EUR 934 mn fl-2012, minn EUR 776 mn fl-2011. Il-linji ta' kreditu għall-SMEs kienu jammontaw għal madwar 50 % tal-firem, u jirriflettu l-ħtieġa li jappoġġjaw l-intraprenditorija u aktar tkabbir inklużiv fir-reġjun. Is-setturi tal-enerġija u t-trasport kienu wkoll benefiċjarji kbar ta' finanzjamenti mill-BEI li jappoġġjaw proġetti infrastrutturali strateġiċi.

Fl-Asja u l-Amerika Latina, is-self totali naqas għal EUR 700 mn (meta mqabbel ma' EUR 1,17 bn fl-2011) minħabba posponiment ta' żewġ operazzjonijiet kbar. L-azzjoni klimatika baqgħet l-attenzjoni ewlenija ta' self fir-reġjun, b'86 % ta' firem fis-sena (100 % fl-Asja u 67 % fl-Amerika Latina). Fl-Afrika t'Isfel, saru żewġ għal self ġdid b'appoġġ għall-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura municiċipali li jammontaw għal EUR 100 mn kienu iffirmati fl-2012 minn EUR 165 mn fl-2011.

Tabella 4: Analiżi settorali tal-operazzjonijiet iffirmati fl-2012 (EUR mn) skont il-garanzija tal-UE

Reġjun	Total	Enerġija	Trasport	L-industrija u s-servizzi	Ilma, drenaġġ	Linji ta' kreditu għall-SMEs	Infra-struttura Urbana / Komposta	Telekomunikazzjonijiet
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	821		217 26 %	175 21 %	254 31 %	175 21 %		
Pajjiżi Mediterranji	1 655	387 23 %	615 37 %	218 13 %	70 4 %	165 10 %	201 12 %	
Viċinat tal-Lvant u r-Russja	934	217 23 %	211 23 %		7 1 %	500 54 %		
L-Asja u l-Amerika Latina	450	75 17 %	200 44 %			75 17 %		100 22 %
L-Afrika t'Isfel	100	50 50 %					50 50 %	
Total	3 960	729 18 %	1 243 31 %	393 10 %	330 8 %	915 23 %	251 6 %	100 4 %

3.2. Kontributi lejn l-għanijiet ta' politika tal-UE

Id-Deċiżjoni tippredvi tliet għanijiet orizzontali ta' livell għoli għar-reġjuni kollha koperti minn garanzija baġitarja tal-UE:

- (i) Il-mitigazzjoni u l-adattament għall-bidla fil-klima
- (ii) L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika;
- (iii) L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-SMEs.

⁷ Inkluż 24 mn f'parteċipazzjonijiet ta' ekwità bl-użu tal-kapital ta' riskju tal-FEMIP u r-riżorsi tal-Fond Fiduciari.

L-għanijiet sottostanti addizzjonali jinkludu l-kontribut għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna, kif imsemmi fl-Artikolu 21 tat-TUE u l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi sħab, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, il-pajjiżi tal-viċinat u l-Unjoni.

Il-Linji Gwida Operazzjonali Tekniċi Reġjonali għandhom l-għan li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija tal-UE huwa konsistenti ma' u kumplimentari għall-korrispondenti tal-UE fil-politiki, il-programmi u l-istrumenti esterni fir-reġjuni differenti koperti mid-Deċiżjoni.

L-għanijiet orizzontali ta' livell għoli indikati hawn fuq jiffurmaw il-bażi tar-rapportar għall-operazzjonijiet ġodda mill-2012 'il quddiem.

Il-BEI kompli jsaħħaħ is-self tiegħu għall-Azzjoni dwar il-Klima matul il-perjodu kopert mid-Deċiżjoni. Il-pakkett addizzjonali tal-Mandat tal-Bidla fil-Klima ta' EUR 2 bn għen biex titwessa' il-firxa ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn qed isiru investimenti f'azzjoni dwar il-klima, lil hinn mill-ekonomiji tas-swieq emerġenti. Sa tmiem l-2012, terz tal-pakkett EUR 2 bn (rilaxxat f'Ottubru 2011) kien ġie utilizzat u kienet inbriet pipeline sostanzjali fir-reġjuni kollha, li jagħti sinjal tajjeb li x'aktarx se jsir użu sħiħ minnu qabel tmiem il-perjodu tal-mandat.

Mill-2007, l-appoġġ tal-BEI kumulattiv għall-proġetti ta' azzjoni dwar il-klima fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni jammonta għal EUR 8,5 bn. Il-maġġoranza assoluta (86 %) tas-self fir-rigward tal-azzjoni dwar il-klima huwa marbut ma' investimenti fl-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija u t-trasport sostenibbli. Madankollu, peress li jirrikonoxxi li r-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni huma partikolarment vulnerabbli għall-varjabbiltà fil-klima attwali u l-bidla fil-klima fil-ġejjieni, il-BEI qed isaħħaħ l-integrazzjoni tar-reżiljenza għall-klima fil-proġetti. Dan jinkludi għajjnuna teknika ta' sostenn u miżuri xierqa ta' ppjanar kif ukoll l-appoġġ għal investimenti speċifiċi ta' adattament bħall-kontroll tal-għargħar u miżuri ta' difiża.

Fl-2012, il-firem marbuta mal-azzjoni klimatika ammontaw għal EUR 1,6 bn, li jirrappreżenta 24 % tal-finanzjament totali tal-BEI fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni (29 % tal-firem taħt il-garanzija tal-UE, jew taħt il-pakketti ġenerali jew tal-mandat tal-bidla fil-klima). Dan il-proporzjon huwa skont il-mira globali tal-BEI ta' 25 % ta' self globali (li żdied mill-20 % fl-2010), u relattivament aktar milli fl-2010 meta b'mod ġenerali volum ugwali ta' EUR 1,6 bn f'firem marbuta mal-azzjoni klimatika kienu jirrappreżentaw 21 % tal-finanzjament totali fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni (15 % ta' firem taħt il-garanzija tal-UE).

Tabella 5: Firem ta' self għal Azzjoni Klimatika fl-2012 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni

EUR mn	Azzjoni klimatika taħt		Riskju proprju tal-BEI	Total ta' azzjoni klimatika	bħala % tat-total iffirmit
	Mandat Ġenerali	Mandat tal-Bidla fil-Klima			
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	85		157	242	8 %
Il-Mediterran	113	350	11	474	28 %
Il-Viċinat tal-Lvant	195			195	21 %
L-Asja		150	250	400	100 %
L-Amerika Latina	200			200	67 %
L-Afrika t'Isfel	50			50	50 %
It-total fir-reġjuni koperti mid-Deciżjoni	643	500	417	1 560	24 %
<i>bħala % tat-total iffirmit</i>	29 %		16 %		

Fl-ambjent ekonomiku attwali, is-self lill-SMEs sar prijorità kbira fuq perjodu qasir għall-Bank biex b'hekk isostni l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, li tabilħaqq naqqsu s-sehem tal-proġetti ambjentali.

Madankollu, twestaq xogħol kwalitattiv sinifikanti fl-2012 f'termini tal-bini tar-relazzjoni mal-intermedjarji lokali li se jissarraff f'operazzjonijiet immirati lejn il-bidla fil-klima (pereżempju proġetti tal-ilma u l-iskart fuq skala żgħira) mill-2013 'il quddiem. Barra minn hekk, xi finanzjamenti għat-tisgħir mill-ġdid u l-ferroviji b'kontribuzzjonijiet klimatiċi pożittivi ħafna huma mistennija jimmaterjalizzaw fl-2013 u għalhekk ir-rata ta' impenn dwar il-finanzjament għall-klima fir-reġjun ta' qabel l-adeżjoni hija mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti.

B'konformità mar-rekwiżiti tad-Deċiżjoni, il-BEI żviluppa, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, Strateġija tal-Klima fil-Pajjiżi tal-Mandat Estern, li tressqet quddiem il-Kunsill Ewropew u l-Parlament fid-19 ta' Diċembru 2012. L-istrateġija tiddekrivi approċċ tal-BEI għall-appoġġ tal-azzjoni dwar il-klima kemm f'termini kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, u tippreżenta diversi azzjonijiet għal żmien qasir u żmien itwal biex tkompli ssaħħaħ ix-xogħol tal-Bank fuq il-klima.

Matul is-snin 2007-2012, il-BEI pprova aktar minn EUR 23,2 bn għall-finanzjament tal-infrastruttura soċjali u ekonomika, inklużi t-trasport, l-enerġija, l-infrastruttura ambjentali u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-appoġġ tal-BEI għall-infrastruttura soċjali u ekonomika jirrappreżenta 51 % tal-attività kumplessiva tal-BEI fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni fl-2012 (73 % għal operazzjonijiet taħt il-garanzija).

L-appoġġ għas-settur privat jammonta wkoll għal 51 % tal-attività kumplessiva tal-BEI fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni fl-2012 (37 % għal operazzjonijiet taħt il-garanzija). L-iżvilupp tas-settur privat huwa meħtieġ għal tkabbir inklużiv u sostenibbli, li huwa fih innifsu kundizzjoni biex jitnaqqas il-faqar. L-appoġġ tal-BEI għall-iżvilupp tas-settur privat lokali jikkonsisti prinċipalment f'self permezz ta' banek intermedjarji lill-SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (MidCaps)⁸ kif ukoll self dirett lil intrapriżi privati akbar.

Fl-2012, is-self intermedjat lill-SMEs u lill-MidCaps fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni laħaq EUR 2,1 bn li jirrappreżenta aktar minn darbtejn il-volum ffirmat fis-sena ta' qabel, prinċipalment minħabba firem oġhla fil-pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Viċinat tal-Lvant / ir-Russja. Dan irrappreżenta 66 % tal-attività tas-settur privat tal-BEI fir-reġjuni koperti mid-deċiżjoni fl-2012 (56 % għall-operazzjonijiet taħt garanzija). 64 % kienu ffirmati taħt il-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni mingħajr il-garanzija tal-UE. L-allokazzjonijiet tal-fondi li saru fl-2012 taħt il-linji ta' kreditu jammontaw għal EUR 1,7 bn, li jikkontribwixxu għal kważi 4 800 proġett ta' investiment meħuda minn SMEs u MidCaps b'total ta' kost ta' investiment ta' EUR 3,6 bn. Aktar dettalji dwar l-attivitajiet tal-intermedjarji finanzjarji b'appoġġ għall-SMEs huma pprovduti fis-SWD

Il-BEI jappoġġja wkoll l-iżvilupp tas-settur privat lokali permezz ta' self dirett lil intrapriżi privati akbar, prinċipalment f'setturi industrijali u tas-servizzi. Dawn l-investimenti ta' spiss jikkawżaw effetti tal-impjegi u l-investiment fil-bażi tal-fornituri lokali wkoll. Fl-2012, is-self dirett lis-settur privat lokali kien iffukat fuq ir-reġjuni ta' Qabel l-Adeżjoni u dawk Mediterranji.

⁸ Impriżi ta' daqs medju b'forza tax-xogħol bejn 250 u 3 000 impjegat.

3.3. F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni u mal-Politika tal-BEI favur ġurisdizzjonijiet irregolati b'mod dgħajef, mhux trasparenti u mhux kooperattivi adottati fl-2010, ma saret l-ebda operazzjoni ta' finanzjament transfruntiera tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE ma' kontropartijiet bbażati f'ġurisdizzjonijiet mhux konformi.


3.4. L-impatt u l-valur miżjud tal-attivitajiet tal-BEI

- Biex ikompli jsaħħaħ il-valutazzjoni, il-kejl u r-rapportar tiegħu dwar ir-riżultati u l-impatti tal-operazzjonijiet tiegħu barra l-UE u f'konformità mar-rekwiżiti tad-Deċiżjoni, il-BEI nieda qafas ġdid biex jieħu post il-Qafas ta' Valutazzjoni tal-Impatt Ekonomiku u Soċjali. Il-qafas REM, li ġie introdott bħala proġett pilota fl-2012, itejjeb il-valutazzjoni *ex-ante* tar-riżultati tal-proġett mistennija u jsaħħaħ il-kapaċità tal-bank li jimmonitorja u jirrapporta dwar ir-riżultati reali miksuba. F'dan il-kuntest, kif ukoll fil-proċess ta' diliġenza dovuta, il-BEI jikkunsidra, b'mod sistematiku, is-sostenibbiltà ekonomika, finanzjarja, ambjentali u soċjali fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-proġetti li huwa jiffinanzja. F'konformità mal-oqfsa preċedenti, il-proġetti jiġu kklasifikati fi ħdan ir-REM skont tliet "pilastri":
- Il-Pilastru nru 1 jikklassifika l-kontribut mistenni tagħhom lill-għanijiet tas-self.
- Il-Pilastru nru 2 ikejjel ir-riżultati mistennija, il-kwalità, u s-solidità tal-proġetti.
- Il-Pilastru nru 3 ikejjel l-addizzjonalità finanzjarja u mhux finanzjarja tal-BEI mistennija.

It-taqsimiet li ġejjin jiffukaw fuq operazzjonijiet *approvati* fl-2012, b'kuntrast ma' partijiet oħra ta' dan ir-rapport li jikkontemplaw operazzjonijiet *iffirmati*. Eżempju maħdum ta' folja REM huwa pprovdut fis-SWD. Ir-riżultati mistennija ġew stmati matul id-diliġenza dovuta. Hekk kif il-proġetti approvati jibdew jitlestew, ir-riżultati attwali miksuba se jinġabru u jiġu rrapportati. Peress li jridu jgħaddu bosta snin qabel ma l-operazzjonijiet approvati taħt il-qafas REM il-ġdid joħlqu riżultati tanġibbli, ir-rapport annwali REM ta' din is-sena juża tmien studji tal-każijiet biex jirrapporta dwar ir-riżultati reali miksuba minn proġetti fil-proċess ta' implimentazzjoni jew proġetti lesti. Mill-2013 'il quddiem, ir-rapport se jibda jkun ibbażat fuq firem u mhux approvazzjonijiet, sabiex ikun allinjat aħjar mar-rekwiżiti ta' rapportar oħrajn tal-Bank.

Ir-rapport sħiħ REM, li jkopri l-operazzjonijiet tal-BEI barra l-UE, inklużi dawk taħt il-Mandat ta' Cotonou għar-reġjun tal-AKP, kif ukoll l-istudji ta' każijiet jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-BEI.

Il-Grafika nru 2 turi d-distribuzzjoni tal-klassifikazzjoni tal-Pilastri tar-REM tal-proġetti approvati fl-2012 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni.



Nota: Il-klassifikazzjonijiet tal-Pilastru nru 3 għall-addizzjonalità huma kemxejn differenti: 4-għolja, 3-sinifikanti, 2-moderata, 1-baxxa

Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-qafas REM jista' jinstab fis-SWD.

4. KOOPERAZZJONI MAL-KUMMISSJONI

Lista tal-oqfsa eżistenti li fi hdnhom il-BEI u l-Kummissjoni kkooperaw flimkien fl-2012 bil-ħsieb li tissaħħaħ il-koerenza tal-appoġġ kumplessiv tal-UE fir-reġjuni koperti mid-Deċizzjoni hija inkluża fid-DĦP, flimkien ma' tabella sommarju dwar il-volumi ta' finanzjament iffirmati mill-BEI dwar il-ġestjoni tiegħu tar-riżorsi tal-baġit tal-UE. Xi wħud mill-attivitajiet ewlenin ikkoordinati bejn iż-żewġ istituzzjonijiet fl-2012 huma deskritti hawn taħt.

Il-Linji Gwida Operazzjonali Tekniċi reġjonali, abbozzati f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-BEI, ġew adottati miż-żewġ istituzzjonijiet f'Novembru 2012⁹. L-Istrateġija tal-Klima tal-Pajjiżi tal-Mandat Estern, ippreparata b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ġiet ipprovduta mill-BEI lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew f'Diċembru 2012. L-MtF ta' bejn il-Kummissjoni u l-BEI ta' Mejju 2008 ġie aġġornat fl-2012, fid-dawl tat-twaqqif tas-SEAE, u fid-dawl tal-firma fl-2013.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni adottat Att Delegat f'April 2012 li jneħħi s-Sirja mil-lista ta' pajjiżi eliġibbli taħt il-mandat¹⁰. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-BEI esperjenza inadempjenzi fuq l-imgħax u l-ħlasijiet lura tas-self mill-Gvern Sirjan u l-Fond ta' Garanzija ssejjaħ kemm-il darba fl-2012 biex ikopri inadempjenzi fuq is-self fis-Sirja għal ammont ekwivalenti għal madwar EUR 21,5mn¹¹.

Il-BEI u l-SEAE ħadu 'l quddiem il-prinċipju ta' kolokazzjoni tal-uffiċċji tal-BEI fi hdn id-delegazzjonijiet tal-UE. L-uffiċċji esterni tal-BEI ġodda kollha qed jiġu lokalizzati fid-Delegazzjonijiet, bi sforz biex jiġu rilokati l-uffiċċji eżistenti meta dan ikun possibbli. Fl-2012, il-BEI fetħet uffuċċju fl-Ukraina fi hdn id-delegazzjoni tal-UE, u sar progress sinifikanti fid-diskussjonijiet dwar l-uffiċċji tal-BEI fiċ-Ċina u fir-Russja.

⁹ DĦP(2012) 357 final.

¹⁰ ĠU L 110, 24.4.2012, p. 38.

¹¹ Għal aktar dettall, ara r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Fond ta' Garanzija u l-ġestjoni tiegħu fl-2012 (COM(2013)662, li ntbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fis-27 ta' Settembru 2013.

Abbozzi ta' ftehimiet qafas ġew diskussi ma' għadd ta' sħab li saru eliġibbli reċentement (il-Kambodja, l-Islanda, l-Iraq, il-Kosovo¹² u l-Libja) fl-2012. Il-Ftehim mal-Kosovo ġie ffirmat fl-2013.

Matul l-2012, ittellġu laqgħat ta' koordinazzjoni ġeografika bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-EEAS fir-reġjuni kollha koperti mid-Deċizzjoni, bil-għan li jiġu identifikati attivitajiet konkreti għat-tisħiħ tas-sinerġiji.

Il-BEI ipprova input għall-ħidma tal-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni fl-2012 biex ttejjg l-proposta leġiżlattiva lill-Parlament u lill-Kunsill għall-garanzija li jmiss tal-UE lill-operazzjonijiet tal-BEI barra mill-UE għall-perjodu 2014-2020.

Il-BEI kompli l-involvement attiv tiegħu fit-Taskforces ta' Livell Għoli tal-UE stabbiliti mir-RGħ/VP Ashton biex jipprova reazzjoni koordinata min-naħa tal-UE għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi fir-Rebbiegħa Għarbija.

Il-BEI kompli jipparteċipa b'mod attiv fil-mekkaniżmi reġjonali ta' taħlit tal-għoti ta' self fl-2012. Barra minn hekk, huwa kkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni fil-grupp ta' esperti li jeżamina t-twaqqif ta' pjattaforma tal-UE għat-Taħlit fil-Kooperazzjoni Esterna (EUBEC). Il-pjattaforma kienet stabbilita fi tmiem l-2012¹³ u l-BEI huwa parteċipant attiv fl-EUBEC, u jippresjedi wieħed mill-Gruppi Tekniċi stabbiliti f'dan il-qafas.

5. KOOPERAZZJONI MA' ISTITUZZJONIJIET INTERNAZZJONALI TA' FINANZJAMENT

Il-Kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs) oħra hija parti integrali mill-attivitajiet tal-BEI, li jvarjaw minn djalogu dwar kwistjonijiet istituzzjonali, suġġetti orizzontali u kwistjonijiet tematiċi, u konsultazzjoni reċiproka, għal forum imtejba ta' kofinanzjament operattiv u qsim tax-xogħol. Parti kbira mid-djalogu bejn l-IFIs iseħħ fi hdn grupp ta' ħidma speċjalizzati li jiltaqgħu perjodikament biex jaqsmu bejniethom l-aħjar Prattiki jew biex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi. Hemm stabbiliti madwar 30 grupp ta' ħidma tal-Banek tal-Iżvilupp Multilaterali (MDBs) li okkażjonalment jinkludu IFIs oħra, li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti. Barra minn hekk, il-BEI kien involut ma' MDBs oħra f'ħidma importanti biex jiġu armonizzati t-traċċar u r-rapportar dwar il-Finanzjament tal-Klima. Żewġ rapporti, dwar it-Traċċar tal-Mitigazzjoni u t-Traċċar tal-Adattament, ġew ippubblikati f'Doha. Barra minn hekk, il-Bank huwa kontributor prinċipali lill-grupp ta' ħidma IFI dwar il-kontabbiltà tal-gassijiet b'effett serra. Fl-aħħar nett, il-Bank jipparteċipa f'inizjattivi oħra ta' djalogu bħal-laqgħa semiannwali tal-Kapijiet tal-MDBs li ġiet ospitata mill-BEI fl-2012 fil-Lussemburgu.

Fl-2012, il-kofinanzjament ma' IFIs oħra jew istituzzjonijiet bilaterali Ewropej oħra kien jirrappreżenta 67 % tal-firem totali tal-BEI bil-garanzija tal-UE, li jiġifieri żdied minn 56 % fl-2011. Il-lista ta' operazzjonijiet kofinanzjati ffirmati fir-reġjuni koperti bil-Mandat fl-2012 hija inklużi fid-DĦP.

¹² Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

¹³ Ir-rapport tal-grupp ta' Esperti huwa disponibbli fl-indirizz li ġej: <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=6980&no=1> u <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=6981&no=2>

Il-MtF bejn il-Kummissjoni, il-Grupp tal-BEI u l-BERŻ iffirmat f'Marzu 2011 ġie aġġornat fl-2012 biex jieħu inkunsiderazzjoni l-ewwel reviżjoni li saret f'Marzu 2012. Il-MtF jistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni barra l-UE li għandu l-għan li jsaħħaħ l-impatt ikkombinat tal-operazzjonijiet rispettivi taż-żewġ Banek, fl-interess tal-pajjiżi benefiċjarji u l-azzjonisti tal-Banek rispettivi. Dan l-aġġornament jestendi l-lista tar-reġjuni ta' operat komuni lil hinn mill-UE biex din tkun tinkludi wkoll ir-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran.

Taħt l-Inizjattiva ta' Fiduċja Reċiproka (MRI) bejn l-AfD, il-BEI u l-KfW, il-linji gwida operattivi kienu ffinalizzati fl-2012, u jkomplu jibnu fuq l-esperjenza tal-fażi pilota, li tinvolvi 14-il proġett konġunt fil-Viċinat tan-Nofsinhar u fl-Afrika sub-Saħarjana. L-MRI huwa mekkaniżmu li permezz tiegħu, meta jsir kofinanzjament tal-proġetti, wieħed mit-tliet sħab jieħu r-rwol tal-kap finanzjarju, u jiddependi fuq l-istandards u l-proċeduri tiegħu sakemm il-ħtiġiet minimi tas-sħab l-oħra jkunu sodisfatti. Mill-2013, l-inizjattiva se titwassal f'reġjuni ġeografiċi oħra barra l-UE.

Il-BEI kkoopera matul l-2012 ma' selliefa oħra taħt is-sħubija tal-G8 ta' Deauville biex jiżgura li s-sinerġiji huma ottimizzati b'appoġġ għal tranżizzjoni demokratika u ekonomika fir-reġjun tal-viċinat tan-nofsinhar. Fl-2012, il-BEI ffirmat wkoll MtF bilaterali mal-Bank Iżlamiku għall-Iżvilupp.

Il-Bank nieda, flimkien mal-EBRD u l-Grupp Bank Dinji, l-“Inizjattiva Vjenna 2” f'Jannar 2012 b'reazzjoni għal riskji mġedda fir-reġjun ta' Qabel l-Adeżjoni li joħroġu mill-kriżi taż-żona tal-euro. Il-fokus tagħha huwa t-trawwim tal-koordinazzjoni tal-awtorità tal-pajjiż ta' domiċilju u tal-pajjiż ospitanti b'appoġġ għal attivitajiet bankarji transfruntiera stabbli u biex ikun hemm għassa kontra d-diżingranaġġ diżordinat. Il-gruppi bankarji tal-Punent għad għandhom rwol importanti fl-Inizjattiva, kemm għaliex jappoġġjaw l-isforzi ta' koordinazzjoni kif ukoll għaliex jagħmlu milli jistgħu biex jevitaw id-diżingranaġġ diżordinat.